# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

**MAĠISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru : 20/2019 RM**

**Ivan Darmanin (ID 160774M)**

**-Vs-**

**Goldfox Enterprises Limited (C 75859)**

**Illum, 26 ta' Settembru 2022.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Ivan Darmanin fit-30 ta' Jannar, 2019 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta Goldfox Enterprises Limited tħallas, prevja kull dikjarazzjoni u provvediment illi jidhrilha xierqa u opportuna, is-somma kumplessiva ta' tnax il-elf, tlett mija u tlieta u sebgħin ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€12,373.34), rappreżentanti bilanċ ta' ħlas dovut lill-attur illi jirrifletti nofs il-paga kollha li kienet tmiss lilu għall-bqija taż-żmien espressament miftiehem fil-kuntratt t'impjieg datat 5 ta' Frar 2018 (skont dokument anness u mmarkat bhala Dok. ID1), liema ammont ġie dovut lill-attur skont il-liġi mat-terminazzjoni da parti tas-soċjeta'

konvenuta tal-impjieg tiegħu qabel iż-żmien espressament miftiehem (skont dokument anness u mmarkat bħala Dok. ID2).

Illi minkejja li ġiet interpellata diversi drabi sabiex teffettwa dan il-ħlas, dan il-bilanċ għadu mhux imħallas.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Jannar 2019 u tal-mandat kawtelatorju ppreżentat kontestwalment, u bl-imgħaxijiet legali mid-data tal-imsemmija ittra ufficjali sad-data tal-ħlas sħiħ effettiv, kontra l-konvenuti li huma ngunti in subizzjoni.

Rat ir-Risposta tas-soċjeta' konvenuta, Goldfox Enterprises Limited,[1] ippreżentata fl-20 ta' Frar, 2019 fejn ġie eċċepit:

*'1. Illi fil-5 ta' Frar 2018, ir-rikorrenti kien ingaggat bhala Chief Financial Officer originarjament mas-socjeta' CubitsPay Limited (C84060) u dan permezz ta' kuntratt ghal zmien definit ghal perjodu ta' sena;*

*2. Illi, sussegwentement, u bi ftehim datat 5 ta' Frar 2018 bejn is-socjeta' intimata, is-socjeta' CubitsPay Limited u s-Sur Darmanin, l-impjieg tar-rikorrenti Darmanin gie trasferit lis-socjeta' mittenti Goldfox Enterprises Limited (C75859);*

*3. Illi, s-socjeta intimata nfurmat lir-rikorrenti li kien hemm bzonn jittermina l-impjieg ta' certu impjegati minhabba ragunijiet ta' redundancy izda kienet ghamiltha cara li l-impjieg tar-rikorrenti ma kienx ser jigi affetwat. F'dan l-istadju r-rikorrenti esprima li xtaq jirrezenja mill-impjieg tieghu u f'dan il-kuntest is-socjeta' intimata offriet lir-rikorrenti biex jaghmel handover, u offrietlu ftehim f'dan is-sens, izda dan il-ftehim qatt ma' gie iffirmat mir-rikorrenti;*

[1] Fol. 23 – 26.

*4. Illi, fil-5 ta' Dicembru 2018, is-Sur Ivan Darmanin, b'mod unilaterali irrifjuta li jmur ghax-xoghol. Is-socjeta' ppruvat taghmel kuntatt mar-Sur Darmanin tramite email, izda huwa ma wegibx;*

*5. Illi, fis-7 ta' Jannar 2019 is-socjeta' intimata baghtet ittra ta' terminazzjoni lir-rikorrenti, permezz ta' liema l-istess socjeta' intimata nfurmat lir-rikorrenti li l-impjieg tieghu qed jigi tterminat minhabba raguni tajba u sufficjenti fil-ligi ai termini tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghaliex abbanduna il-post tax-xoghol tieghu minghajr raguni valida (skont ittra annessa u mmarkata bhala Dok GF1);*

*6. Illi, s-socjeta' intimata saret taf li l-formula tat-tmiem ta' l-impjieg tal-Agenzija Jobsplus giet sottomessa mir-rikorrenti stess jew mill-HR li kienet tahdem taht id-direzzjoni tieghu, minghajr l-kunsens tad-diretturi tas-socjeta' intimata u s-socjeta' intimata qatt ma qablet mar-raguni ta' terminazzjoni u lanqas qatt ma tat il-kunsens taghha sabiex ir-raguni tat-terminazzjoni tkun indikata bhala redundancy, infatti hemm proceduri quddiem in-National Employment Authority sabiex tinbidel ir-raguni tat-terminazzjoni, liema proceduri huma pendenti sine die sakemm tinqata din il-kawza. In fatti, r-raguni ta' terminazzjoni qatt ma setghet tkun "redundancy" u dan ghaliex kuntratt ghal zmien definit ma jistax jigi tterminat ghar-raguni ta' redundancy u dan kif stabilit skont l-artikolu 36(5) tal-kapitolu 452 tal-Ligijiet ta'Malta;*

*7. Illi, kif ser jigi ppruvat waqt il-mori ta' din il-kawza r-rikorrenti b'mod unilaterali abbanduna l-post tax-xoghol tieghu u ghalhekk huwa r-rikorrenti li ghandu jhallas lis-socjeta' konvenuta s-somma li tkun daqs nofs il-paga kollha li ghaliha huwa kien ikollu jedd kieku baqa' fis-servizz ghall-bqija taz-zmien miftiehem u dan ai termini tal-artikolu 36(12) tal-kapitolu 452 tal-ligijiet ta' Malta;*

*8. Bla pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' konvenuta qieghda tipprevalixxi ruhha mill-proceduri odjerni sabiex taghmel kontra-talba ghal dikjarazzjoni u ordni sabiex ir-rikorrenti jhallas is-socjeta' s-somma li tkun daqs nofs il-paga kollha li*

*ghaliha huwa kien ikollu jedd kieku baqa' fis-servizz ghall-bqija taz-zmien miftiehem skont l-artikolu 36(12) tal-kapitolu 452 tal-ligijiet ta' Malta;*

*9. Illi, ghalhekk u kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza it-talbiet attrici huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur.'*

Rat ukoll it-talba rikonvenzjonali tas-soċjeta' konvenuta Goldfox Enterprises Limited fejn ġie premess u mitlub:-

*1. Illi, din it-talba rikonvenzjonali qed issir in relazzjoni mal-proceduri migjuba mill-attur rikonvenzjonat Ivan Darmanin, fejn dan ta' l-ahhar qed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tordna s-socjeta konvenuta rikonvenzjonanti biex thallas is-somma kumplessiva ta' tnax il-elf, tlett mija u tlieta u sebghin ewro u erbgha u tletin centezmu (€12,373.34) rapprezentanti bilanc ta' hlas allegatament dovuti mis-socjeta intimata, minhabba li l-istess socjeta' konvenuta rikonvenzjonanti allegatament itterminat kuntratt tal-impjieg tal-attur rikonvenzjonat b'mod irregolari;*

*2. Illi, ghall-kuntrarju ta' dak iddikjarat mill-attur rikonvenzjonat, huwa s-socjeta konvenuta rikonvenzjonanti li attwalment qed issofri pregudizzju bhala rizultat tal-azzjonijiet u l-agir tal-attur rikonvenzjonata;*

*3. Illi, l-ewwel nett, kien l-attur rikovenzjonat Ivan Darmanin, li fil-5 ta' Dicembru 2018 b'mod unilaterali irrifjuta li jmur ghax-xoghol. Is-socjeta' konvenuta rikonvenzjonanti ppruvat taghmel kuntatt mar-Sur Darmanin tramite email, izda huwa ma wegibx;*

*4. Illi, kif ser jigi ppruvat waqt il-mori ta' din il-kawza minhabba li r-rikorrenti rikonvenzjonat b'mod unilaterali abbanduna l-post tax-xoghol tieghu huwa hu li ghandu jhallas lis-socjeta' konvenuta rikonvenzjonali s-somma li tkun daqs nofs il-paga kollha li ghaliha huwa kien ikollu jedd kieku baqa' fis-servizz ghall-bqija taz-*

*zmien miftiehem u dan ai termini tal-artikolu 36(12) tal-kapitolu 452 tal-ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha premessi, s-socjeta konvenuta rikonvenzjonanti qieghda titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

*1. Tiddikjara li l-attur rikonvenzjonat ittermina l-impjieg tieghu minghajr raguni gusta u sufficjenti fil-ligi; u*

*2. Tikkundanna l-attur rikonvenzjonat biex jhallas lis-socjeta konvenuta rikonvenzjonanti is-somma li tkun daqs nofs il-paga kollha li ghalija huwa kien ikollu jedd kieku baqa' fis-servizz ghall-bqija taz-zmien miftiehem u dan ai termini tal-artikolu 36(12) tal-Kapitolu 452 tal-ligijiet ta' Malta.*

*Bl-ispejjez ta' din il-proceduri kontra tal-attur rikonvenzjonat, li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta ppreżentata fis-6 ta' Marzu, 2019 mill-attur rikonvenut għat-talba rikonvenzjonali tas-soċjeta' konvenuta, fejn eċċepixxa:

*"Illi fl-ewwel lok it-talbiet tas-socjeta' rikonvenzjonali kif dedotti fil-konfront tal-esponenti ghandhom jigu respinti fit-totalita' taghhom stante illi l-pretensjonijiet vantanti fil-konfront tal-esponenti huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt;*

*Illi fit-tieni lok, ir-rikorrenti rikonvenzjonali jichad bis-sahha kollha dak allegat fit-tieni, tielet u r-raba paragrafu tal-kontro-talba stante li dak allegat mhux minnu u dan kif ser jigi pruvat fil-mori tal-proceduri odjerni;*

*Illi ghalhekk, it-talbiet tas-socjeta rikonvenzjonali ghandhom jigu michuda fl-intier taghhom.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri skont kif tippermetti l-ligi*."

*Bl-ispejjez kontra s-socjeta' rikonvenzjonali illi minn issa hija ngunta in subizzjoni."*

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-provi kollha kif ukoll id-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha;

Semgħet it-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-partijiet fis-seduta tat-2 ta' Ġunju 2022;

Rat illi l-kawza thalliet għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Mhux kontestat li l-attur Ivan Darmanin kien impjegat oriġinarjament mas-soċjeta' CubtisPay Limited għal żmien definit ta' sena, fil-kariga ta' Chief Financial Officer taħt it-termini u kundizzjonijiet miftiehma fil-kuntratt ta' impieg konkluż fil-5 ta' Frar 2018. Mhux kontestat lanqas illi dan il-kuntratt ta' impieg ġie assenjat fl-istess ġurnata, ċioe' fil-5 ta' Frar 2018, mis-soċjeta' CubitsPay Limited lis-soċjeta' konvenuta Goldfox Enterprises Limited li, min-naħa tagħha, assumiet l-obbligi kollha spettanti lil CubitsPay Limited konnessi mal-impieg tal-attur. Dan kollu bl-adeżjoni tal-istess attur.

Il-*vexata quaestio* f'din il-kawża jikkonċerna ċ-ċirkostanzi tat-terminazzjoni tal-impieg tal-attur: filwaqt li l-attur isostni li l-impieg tiegħu ġiet terminata mis-soċjeta' konvenuta qabel iż-żmien miftiehem minħabba *redundancy* u b'hekk skattat l-obbligu tagħha a tenur tal-Artikolu 36(11) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, is-soċjeta' konvenuta tiċħad li hija tterminat l-impieg tal-attur u tikkontendi li huwa ma kienx

fost l-impjegati tagħha li l-impieg tagħhom ġie terminat minħabba *redundancy* u ssostni illi l-formola tat-terminazzjoni tal-impieg li ġiet sottomessa lil JobsPlus fil-5 ta' Diċembru 2018, ġiet sottomessa mingħajr il-konsapevolezza tagħha u kontra l-istruzzjonijet mogħtija minnha fir-rigward tal-impieg tal-attur. Speċifikatament, tikkontendi li l-attur abbanduna l-post tax-xogħol tiegħu u għalhekk l-impieg tiegħu ġie terminat għal raġunijiet ġusti u suffiċjenti skont il-ligi bil-konsegwenza li huwa dovut minnu l-ħlas ta' somma daqs nofs il-paga kollha li kienet tkun tmiss lilu dwar il-bqija taż-żmien espressament miftiehem.

Dan ifisser li l-Qorti trid tiddetermina jekk mill-provi jirriżulta li l-impieg tal-attur ġiex terminat qabel iż-żmien speċifikat fil-kuntratt ta' impieg għal żmien fiss, u fl-affermattiv jekk din it-terminazzjoni saret minħabba *redundancy*, kif isostni l-attur, jew jekk dan l-impieg tiegħu ġiex terminat da parti tal-attur innifsu jew bi ksur tal-obbligi tiegħu taħt il-kuntratt tal-impieg, f'liema każ jiskatta l-obbligu tal-attur li jħallas lill-kumpannija nofs il-paga kollha li għaliha huwa kien ikollu jedd kieku huwa baqa' fis-servizz għall-bqija taż-żmien hekk espressament miftiehem.

Biex il-Qorti tkun f'pożizzjoni li tasal għal deċiżjoni, huwa imperattiv li tanalizza dettaljatament u bir-reqqa ix-xhieda biex testrapola korrettement il-fatti relevanti għar-riżoluzzjoni tal-vertenza.

**Ivan Darmanin**, l-attur, xehed[2] li beda fl-impjieg fl-1 ta' Marzu, 2018 u spicca fil-5 ta' Dicembru, 2018. Xogħolu kien li jiehu hsieb il-*cash flow*, l-*accounting*, il-kuntatti tal-klienti u dak kollu li kellu x'jaqsam mat-Trading Department tal-kumpanija kif deskritt fit-tieni skeda tal-kuntratt tal-impieg tiegħu. Qal li huwa kellu jirrapporta lic-Chief Executive Officer tal-kumpannija u lil Julian Mautner li huwa s-sid tal-kumpannija, iżda meta tkeċċa l-imsemmi Chief Executive Officer, xi ġimagħtejn wara, huwa beda jirrapporta biss lil Matuner.

[2] 30 ta' April 2019.

L-attur spjega kif fil-kors tal-impieg tiegħu u minħabba l-kariga tiegħu, ma damx wisq ma skopra li l-kumpanija Goldfox Enterprises Limited kienet sofriet telf finanzjarju serju li kien qed jipperikola l-vijabbilita' tal-kumpanija u kien hemm proċeduri legali barra minn Malta kontra l-kumpannija fir-rigward, iżda la hu u lanqas l-impjegati l-oħra tal-kumpannija qatt ġew infurmati b'dan. Meta sar jaf b'dawn iċ-ċirkostanzi fejn ma kienx hemm flus fil-kumpannija u din kienet kważi fi stat ta' falliment, huwa kien maħsud sew għaliex kien telaq minn impieg fiss biex jimpjega ruħu mal-kumpannija. Madankollu, hu beda jaħdem biex jipprova jġib il-kumpannija fuq saqajha u kellu diversi laqgħat fir-rigward mas-sid tal-kumpannija, Julian Mautner.

Dwar it-terminazzjoni tal-impieg tiegħu l-attur xehed illi wara telefonata li kellu ma' Julian Mautner, huwa ltaqa' miegħu l-għada 5 ta' Dicembru 2018 filghodu, fl-ufficcju ta' kumpannija oħra ta' Mautner. Għal din il-laqgħa kienu preżenti flimkien mal-attur u Mautner, Maruska Zammit li kienet l-HR Manager. Matul il-laqgħa, Mautner kien ta struzzjonijiet biex l-attur jitpoġġa fuq il-lista ta' nies li l-impieg tagħhom kien ser jiġi terminat minħabba *redundancy* dakinhar. Fil-fatt, l-għada, huwa rċieva dokument mingħand Jobs Plus li kkonferma li l-impieg tiegħu ġie terminat minħabba *redundancy*. L-attur xehed illi dakinhar meta l-impieg tiegħu ġie terminat mill-kumpannija kien hemm hafna affarijiet ghaddejjin fil-kumpanija ghaliex flimkien miegħu, kien hemm tlettax-il impjegat ohra li kienu terminati minħabba *redundancy*. Filgħaxija, Mautner kien qallu biex jiffirma dokument b'elenku tad-dmirjiet li kellu jwettaq wara t-terminazzjoni tal-impieg u qallu "*kif tiffirma din, ħa titħallas*"[3]. Madanakollu, l-attur ried jieħu parir ta' avukat qabel jiffirma d-dokument sabiex jifhem l-implikazzjonijiet tiegħu. Kompla jispjega li l-għada meta mar l-uffiċċju ġie infurmat illi bħala Chief Financial Officer hu ma setax jitqies bħala *redundant* għaliex il-kumpannija Dooga Limited li kienet topera l-kumpannija CubitsPay Limited, kienet ser titqiegħed taħt amministrazzjoni ġewwa l-Ingilterra u ġie infurmat li huwa ser jitqies li rriżenja mill-impieg tiegħu.

[3] Id-dokument gie esebit, immarkat Dok ID3 a fol. 41.

L-attur jiċħad li huwa rriżenja mill-impieg tiegħu mas-soċjeta' konvenuta jew li qatt ta r-riżenja tiegħu lis-soċjeta' konvenuta "*bl-ebda mod u manjiera. Lanqas verbali*"[4]. Jafferma wkoll li huwa baqa' qatt ma ffirma l-ittra li ġie mitlub jiffirma biex ikun jista' jitħallas dak li kien dovut lilu taħt il-kuntratt tal-impieg tiegħu u s-soċjeta' konvenuta baqgħet ma ħallsitx l-ammont dovut lilu skont il-liġi.

Meta xehed in kontro-eżami[5] l-attur ikkonferma li meta kien ikollu bżonn il-firma ta' kuntratt jew firma li torbot lis-soċjeta' konvenuta, huwa kien jgħaddi d-dokumentazzjoni lid-dipartiment legali tal-kumpannija biex dawn jiġu ffirmati mid-direttur, Dr. Simona Camilleri, filwaqt li dokumenti dwar il-kumpannija Cubitspay Limited kienu jiġu għandu peress li huwa kien id-direttur tal-istess Cubitspay Limited. Qal, madanakollu, li d-direttur, Dr. Simona Camilleri, qajla kienet tkun preżenti l-uffiċċju biex tmexxi l-affarijiet tal-kumpannija. Ikkonferma li Julian Mautner kien ċempillu biex jiltaqgħu dwar it-terminazzjoni tal-impieg tiegħu u ltaqgħu l-għada fil-prezenza tal-HR Manager. L-attur xehed illi waqt dik il-laqgħa l-impieg tiegħu ġiet terminata: ("*Jekk keċċieni x'nagħmel?*") Għalkemm stqarr li Mautner għalkemm kien CEO tal-grupp ta' kumpanniji, ma kellux is-setgħa biex legalment jorbot lis-soċjeta' konvenuta, sostna illi fi kwalsiasi każ, Dr. Simona Camilleri, id-direttur, ma kienetx tkun preżenti l-uffiċċju biex tittermina l-impieg tiegħu hija stess. Ikkonferma li huwa ma kienx irċieva ittra tat-terminazzjoni tal-impieg tiegħu mingħand id-direttur tas-soċjeta' konvenuta[6] u huwa qatt ma ddiskuta din il-kwistjoni magħha jew ikkomunika magħha fl-ebda waqt. Ċaħad illi huwa rriżenja mill-impieg tiegħu mas-soċjeta' konvenuta iżda kkonferma li meta spiċċa mill-impieg tiegħu, kien għad fadal xogħol għalih ghalkemm dan ix-xogħol mhux bilfors kellu jagħmlu CFO għaliex seta' jagħmlu *accountant* u kien hemm tliet *accountants* impjegati mas-soċjeta' konvenuta.

**Maruska Zammit** xehdet illi minn April sa Diċembru 2018 kienet impjegata bħala HR manager mas-soċjeta' konvenuta u kienet tirrapporta lill-attur Ivan Darmanin iżda spiss l-istruzzjonijiet kienu jingħataw direttament mis-sid tal-kumpannija, Julian

---

[4] Fol. 39.
[5] 9 ta' Novembru 2021.
[6] Fol. 171.

Mautner. Qalet li d-direttur tal-kumpannija, Dr. Simona Camilleri, kienet tidħol f'ċerti materji iżda normalment l-istruzzjonjiet kienu jiġu direttament mingħand Mautner. Fissret li l-kumpannija ġiet f'pożizzjoni fejn kellha tieħu deċiżjoni li tkeċċi lill-ħaddiema u dan wara li sfat vittma ta' frodi li minħabba fiha ġarrbet problemi ta' likwdita' u ma setgħetx tibqa' tiffunzjona. Dan il-proċess ta' sensja seħħ matul diversi laqghat u f'kull laqgha kienet qed tinbena u tikber il-lista ta' impjegati li kellhom jiġu terminati minħabba *redundancy*. Għalkemm ma kinitx preżenti għal-laqgħat kollha, ikkonferma li kien ikun hemm il-*management team* preżenti u hi kienet preżenti fl-aħħar żewġ laqgħat. Ikkonfermat ukoll illi l-attur għall-bidu ma kienx għadu tpoġġa fuq din l-imsemmija lista ta' impjegati iżda fl-aħħar laqgħa id-Direttur Dr. Simona Camilleri kienet tat struzzjonijiet lit-tim tal-management ("*we need to be as lean as possible*") biex kemm jista' jkun il-kumpannija tispiċċa bl-inqas ammont ta' impjegati, bejn tlieta u erba' impjegati biss, għaliex ma kienetx taf x'kien ser jiġri mill-kumpannija. Ix-xhud ikkonfermat illi l-għada ta' din il-laqgħa kien avviċinaha l-attur Ivan Darmanin u qalilha li kellu telefonata mingħand Julian Mautner, li kien preżenti f'uħud mil-laqgħat dwar il-proċess tas-sensja tal-impjegati, u kienu waslu fi ftehim li Ivan Darmanin jitpoġġa fil-lista tal-impjegati li kienu ser jjiġu *redundant*. Hi marret flimkien ma' Ivan Darmanin biex jiltaqgħu ma' Julian Mautner fejn hi niżżlet lill-attur f'din il-lista u ppreżentat il-lista lil Mautner biex jaraha u japprovaha. Quddiemha, Mautner ikkonferma li kien tkellem mal-attur il-ġurnata ta' qabel u talabha tibgħat il-lista tramite e-mail sija lilu u kif ukoll lil Dr. Simona Camilleri biex hi tapprova l-lista wkoll min-naħa tagħha. Maruska Zammit ikkonfermat li hi għamlet kif ġiet mitluba minn Mautner u kkuppjat lil Dr. Simona Camilleri. Peress li d-direttur kienet persuna impenjata ħafna u biex taċċerta ruħha li tirċievi dan l-email, partikolarment għaliex l-attur kien tqiegħed f'dik il-lista biss fl-aħħar, hija ħasset li kellha tibagħtilha l-lista wkoll via telegram b'messaġġ li fil-lista hemm inkluż sija hi stess kif ukoll l-attur peress li kellu diskussjonijiet ma' Julian Mautner.

Maruska Zammit ikkonfermat illi Dr. Simona Camilleri weġbitha lura u qaltilha li ma kellhiex diffikolta' bil-fatt li hija kienet inkluża f'din il-lista u b'referenza għall-attur,

qalet li kienet taf li kien tqiegħed fil-lista u ma kellhiex problema b'dan lanqas. Imbagħad, wara ftit minuti, id-direttur talbitha tibgħatilha l-lista tal-impjegati tal-kumpannija Maltija biss biex taraha aħjar peress li fil-lista kien hemm indikat ukoll l-ħlasijiet li kienu dovuti mill-kumpannija lil kull impjegat. Hi weġbitha li kull ma kellha tagħmel tmur fuq il-"*Malta tab*" u d-direttur wara li rat il-lista qaltilha "*I am fine with this and I approve.*" Kompliet tispjega li din l-approvazzjoni kellha bżonnha biex tibda tipprepara d-dokumentazzjoni meħtieġa biex l-impieg ta' diversi impjegati tal-kumpannija jiġi terminat, sija dawk fuq kuntratt indefinit kif ukoll dawk fuq kuntratt definit kif ukoll biex jiġu sottomessi d-dokumentazzjoni relattiva tramite l-*online portal* tal-JobsPlus.

Maruska Zammit ikkonfermat li hija bdiet tmexxi dan il-proċess u bagħtet id-dokumentazzjoni relattiva dwar it-terminazzjoni tal-impieg tal-impjegati kollha inkluż l-attur, biss wara li rċeviet l-approvazzjoni ta' Dr. Simona Camilleri permezz tal-komunikazzjoni skambjata bejniethom. Maruska Zammit xehdet li fost messaġġi oħrajn kitbitilha: "*hemm ukoll fil-lista jiena, because you want to be as lean as possible u Ivan Darmanin because he had a discussion with Julian"*, fejn id-direttur weġbitha hekk: "y*ourself I respect. I'm ok with that. Ivan Darmanin I know and I'm ok with that as well.*"

Spjegat ukoll li Dr. Simona Camilleri riedet tiffirma hija stess il-formoli għalkemm bħala HR Manager setgħet tiffirmahom hi stess waħedha bis-saħħa ta' delega mogħtija lilha minn Dr. Simona Camilleri nnifisha. Għalhekk, baqgħet tistenniha tiġi l-uffiċċju fejn Dr. Simona Camilleri waslet iktar tard fl-4.00 p.m. u bdiet tiffirma l-karti, iżda meta waslet għad-dokumenti li jikkonċernaw l-attur, ħasbet ftit u lilha qaltilha li mhux tħossha komda tiffirmahom u bagħtet għas-sid tal-kumpannija, Julian Mautner, li jiġi sieħeb tagħha stess. Quddiem ix-xhud, kien hemm ftit battibekki bejn is-sid u d-direttur meta hija staqsietu kif iddeċieda li jqiegħed lill-attur fuq din il-lista iżda hu weġibha li mhux problema, ma kellhiex għalfejn tiddejjaq u kkonferma fil-preżenza tax-xhud li dak kien id-diskors li kellu ma' Ivan Darmanin. Finalment Dr.

Simona Camilleri qaltlu "*Inħalliha f'idejk, għamel inti*", b'referenza għal Julian Mautner.

Xehdet ukoll illi Dr. Simona Camilleri kellha titlaq u peress li kienet ħalliet il-każ tal-attur f'idejn Mautner, l-attur, li kien urtat bis-sitwazzjoni, ried jitla' jkellmu u riedha preżenti miegħu bħala HR manager. Waqt dik il-laqgħa Mautner ikkonferma li ser jittermina l-impieg minħabba *redundancy* iżda riedu jeżegwixxi ċerti affarijiet wara li l-impieg tiegħu jiġi terminat. Dak il-ħin ġie formulat dokument bil-lista ta' dawn id-dmirijiet: dan ġie ffirmat minn Mautner u ngħata lill-attur biex jiffirmah iżda l-attur ħadu miegħu biex jurih lill-avukat qabel jiffirmah. Żiedet tgħid li iktar tard fil-għaxija irċeviet messaġġ mingħand Dr. Simona Camilleri fejn qaltilha li wara li ħasbitha sew dwar is-sitwazzjoni tal-attur, iddeċidiet li żgur mhux sejra tittermina l-impieg tal-attur bħala CFO tal-kumpannija minħabba *redundancy* u titfa' l-kumpannija f'sitwazzjoni bħal dik[7].

Maruska Zammit affermat ukoll li Mautner talabha tikkonferma mad-direttur il-lista bl-ismijiet tal-impjegati li l-impieg tagħhom kien ser jiġi terminat u kkonfermat ukoll li għall-ewwel id-direttur qablet mal-lista iżda sussegwentement, dakinhar stess fil-għaxija, bidlet fehmtha. Fil-frattemp hija kienet sottomettiet il-formoli tat-terminazzjoni tal-impieg mal-Jobsplus għaliex id-direttur kienet awtorizzatha biex tmexxi. Iżda meta fehmet li Dr. Simona Camilleri bidlet fehmitha dwar it-temm tal-impieg tal-attur, hija ċemplet lil JobsPlus li qalulha li d-dikjarazzjoni tista' tiġi rtirata fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol permezz ta' dikjarazzjoni konġunta ffirmata mill-prinċipal u mill-impjegat.

**Katia Schembri** li kienet impjegata bħala avukat mas-soċjeta' konvenuta, ikkonfermat fix-xhieda tagħha li kienet id-direttur Dr Simona Camilleri li kienet tieħu ħsieb l-ammistrazzjoni ordinarja tal-kumpannija filwaqt li s-sid tal-kumpannija, Julian Mautner, kien jissorvelja li dan ix-xogħol effettivament isir. Ikkonfermat ukoll illi hija ġiet infurmata waqt laqgħa ma' Juliana Mautner illi l-impieg tagħha u ta' kull min

[7] Ara fir-rigward, skambju ta' korrispondenza Dok. MB1, fol. 92 u *tergo*, u 93.

kien hemm fl-istess kamra waqt il-laqgħa, fejn kien hemm preżenti wkoll Ivan Darmanin, kien ser jiġi terminat minħabba *redundancy*. In segwitu, Marouska Zammit tatha karta fejn hemm dikjarat li ġiet *redundant*.

**Dr Simona Camilleri**, l-uniku direttur tas-soċjeta' Goldfox Enterprises Limited, xehdet illi l-attur kien fil-bidu impjegat mal-kumpanija CubitsPay iżda l-kuntratt tal-impieg tiegħu gie assenjat lis-soċjeta' konvenuta. Din il-kumpannija kienet timpjega ċirka sebgħin impjegat u kienet topera bħala entita' li tipprovdi servizzi lil numru ta' intrapriżi oħrajn li waħda minnhom, Dooga Limited, inkorriet telf ta' diversi miljuni ta' euro u għall-ħabta ta' Dicembru 2018, din tqiegħdet taħt amministrazzjoni ġewwa l-Ingilterra u eventwalment ġiet likwidata. L-attur kien inkarigat biex jagħti s-servizzi tiegħu lil din il-kumpannija, Dooga Limited, li kienet topera taħt l-isem Cubits u billi l-attur kien l-uniku impjegat li kellu aċċess għall-kontijiet bankarji u l-assi kollha tal-istess kumpanija, kellu jikkollabora mal-amministraturi sabiex ifisser it-trasferimenti li kien ghamel u dak kollu li kellu x'jaqsam mal-affarijiet finanzjarji ta' Dooga Ltd. Għalhekk, hija qalet li kienet sorpriza meta kienet qed tirrevedi l-lista tal-impjegatli li kienu ser jiġi terminati minħabba *redundancy* u rat li l-attur ried jitlaq mill-impieg tiegħu u ħasset li dan l-agir kien wieħed irresponsabbli għall-aħħar sija fil-konfront tagħha u sija wkoll tat-tim tiegħu. Ikkonfermat li l-attur kien tkellem ma' Julian Mautner iżda fissret li Mautner huwa l-*beneficial owner* tas-soċjeta' konvenuta permezz ta' kumpannija inkorporata ġewwa Isle of Man bl-isem Blue Tooths Limited u ma kellu ebda funzjoni uffiċjali fil-kumpannija Goldfox Enterprises Limited u kien jispetta lilha li tieħu d-decizjoni finali jekk tapprovax is-sensja tal-attur jew le. Fissret li hija kellha taħgmel distinzjoni bejn dawk l-impjegati li l-kumpannija ġenwinament ma kellhiex bżonn is-servizzi tagħhom fosthom l-*account managers* u *marketing managers* ta' Dooga Limited, liema impjegati ma kienux iktar meħtieġa minħabba s-sitwazzjoni tal-istess kumpannija, iżda hi stess bħala persuna legali, u l-accountants li jieħdu ħsieb l-affarijiet finanzjarji tal-kumpannija, kjarament kien hemm bżonn li jkomplu jikko-operaw mal-amministraturi.

B'referenza għal Dok. SC6[8] Dr. Simona Camilleri xehdet li dak id-dokument ġie kompilat waqt laqgħa privata li kellha mal-attur fejn kien hemm preżenti wkoll Julian Mautner, fejn kienu qed jiddiskutu min mill-impjegati tal-kumpannija kienu ser jiġu terminati minħabba *redundancy*, liema impjegati kienu mniżżlin fuq il-kolonna "*out*", u dawk l-impjegati – fosthom l-attur li ismu jinsab fil-kolonna tal-lemin tad-dokument taħt l-isem tagħha - li kienu meħtieġa li jibqgħu fl-impieg mhux biss għall-fini tal-proċess ta' amministrazzjoni tal-kumpannija l-oħra li l-impjegati tas-soċjeta' konvenuta kienu jaħdmu għaliha, iżda wkoll għaliex Goldfox Enterprises Limited innifisha kienet topera negozju ieħor differenti. Ikkonfermat illi din il-lista ma kienetx il-lista finali u li dan kien soġġett delikat, iżda dejjem assumiet li filwaqt li hija kellha tieħu ħsieb il-lat legali, l-attur kellu jibqa' fl-impieg biex jieħu ħsieb jagħlaq l-affarijiet finanzjarji ta' Dooga Limited u jispjega lill-amministraturi dak li hu biss kellu aċċess għalih, fosthom numru ta' transazzjonijiet li huwa kien effettwa unilateralment. Kien għalhekk li ratu stramb meta saret taf li l-attur kien tkellem ma' Julian Mautner li kien qed jikkunsidra jitlaq mill-impieg tiegħu.

Dr. Simona Camilleri kkonfermat fix-xhieda tagħha li l-ewwel darba li hija saret taf li l-attur ried li jiġi terminat l-impieg tiegħu kien meta l-HR Manager Maruska Zammit għadditilha r-*redundancy* letters li bihom l-impjegati sensjati ġew mgħarrfin bit-terminazzjoni tal-impieg tagħhom, u dan biex tiffirmahom. Hi rrifjutat kategorikament li tiffirma l-ittra li kienet indirizzata lill-attur u kienet maħsuda sew. Hi ftkaret li ftit tal-ġimgħat qabel, l-attur kien qalilha li għandu *house loan* personali u kellu bżonn iħallas debiti varji u għalhekk fehmet li l-attur ried li jitpoġġa fuq il-lista tal-impjegati li kienu ser jiġi terminati minħabba *redundancy* għaliex kien impjegat taħt kuntratt ta' impieg definittiv u ma setax jirriżenja mingħajr ma jkun obbligat personalment iħallas lill-kumpannija. Hija ħadet fastidju bil-fatt li minflok aġixxa b'mod professjonali u rispettuż billi, jekk ħassu taħt pressjoni u ried jitlaq mill-impieg, jilħaq ftehim magħha, kif stenniet minn persuna tal-kalibru tal-attur li kien jokkupa pożizzjoni ta' fiduċja b'funzjonijiet finanzjarji, huwa ddeċieda li l-impieg

[8] Ir-referenza fit-traskrizzjoni tax-xhieda ta' Dr Simona Camilleri, għal Dok. MSE6, hija evidentement żbaljata u kellha tiġi traskritta bħala referenza għal Dok. SC6.

tiegħu kellu jiġi terminat mill-kumpannija bħala *redundnacy*. Għalhekk hija rrifjutat li tittermina l-impieg tiegħu u għalkemm ir-records ta' JobsPlus juru li l-impieg tal-attur ġie terminat fil-5 ta' Diċembru 2018 minħabba raġuni ta' *redundancy*, dan saret tafu meta rċeviet id-dokument mingħand l-attur innifsu. Sostniet li s-sottomissjoni tad-dikjarazzjonijiet dwar terminazzjoni tal-impieg saret mingħajr ma kienet taf u mingħajr l-approvazzjoni tagħha, tant illi l-impjegati kollha li l-impieg tagħhom ġie terminat minħabba *redundancy* irċevew ittra ffirmata minnha b'avviż dwar it-tmiem tal-impieg u b'kalkolu tal-pagament dovut lilhom kompriż salarju, notice payment, *vacation leave entitlement* u pagamenti oħrajn statutorji. Ikkonfermat li l-attur m'għandux ittra bħal din u sostniet li d-dikjarazzjonijiet li saru lil JobsPlus kellhom jirreflettu dak li hija kienet taf bih u dak li kienet iffirmat li in kwantu għall-attur ma kienx il-każ.

Xehdet ukoll li l-attur kien qed jieħu ħafna deċiżjonijiet unilateralment u ma kienx qed jgħarrafha dwarhom, fosthom id-deċiżjoni li huwa ħa biex jagħti lilu nnifsu żieda fis-salarju ta' €45,000 għall-ħabta ta' Settembru jew Ottubru, meta skont il-kuntratt tal-impieg tiegħu kellu salarju ta' €85,000 fis-sena. Hi ma kienetx infurmata li l-attur kien beda jħallas lilu nnifsu eluf ta' Euro fix-xahar iktar mis-salarju stipolat fil-kuntratt tal-impieg tiegħu għaliex ma saru l-ebda kuntratti fir-rigward u saret taf b'dan diversi xhur wara, anke għaliex huwa qed jitlob il-ħlas ta' *redundancy* payment ikkalkolat abbażi ta' dan is-salarju ogħla li hi qatt ma awtorizzat.

Dr. Simona Camilleri kompliet tispjega li l-għada, 6 ta' Diċembru 2018 l-attur bagħtilha messaġġ fejn ikkonferma li huwa kien daħal xogħol bejn it-8.30 a.m u 12.30 p.m. Hi kienet qed tistenna lill-attur jeżegwixxi numru ta' struzzjonijiet li kienet tatu għaliex għaliha, hu kien għadu impjegat mal-kumpannija u kellu jikkonsenja r-rapporti li kienet ilha tistenna għal xi żmien apparti li kellhom jaħdmu flimkien fuq xi xogħol preparatorju li talbu l-amministraturi ta' Dooga Limited. In segwitu kien hemm ukoll skambju ta' emails mal-attur fejn huwa staqsa dwar l-istatus tal-impieg tiegħu fejn hija weġbitu li kien ovvju li huwa qatt ma ġie terminat minħabba *redundancy*. Intant, l-attur kien ilu madwar għaxart ijiem ma jidħol għax-xogħol u

sussegwentement, hija konsenjatlu ittra datata 7 ta' Jannar 2019 fejn filwaqt li għamlet referenza għar-rifjut tiegħu li jifformalizza r-riżenja tiegħu mill-impieg u għan-nuqqas tiegħu li jidħol għax-xogħol, affermat li huwa qatt ma ġie terminat minħabba *redundancy* u li l-formola tal-Jobsplus ġiet sottomessa frawdolentement u talbet ukoll il-ħlas lill-kumpannija tal-ammonti dovuti taħt il-kuntratt ta'l-impieg tiegħu għal żmien definittiv u r-rifużjoni ta' ammonti tal-kumpannija li kienu fil-pussess tiegħu. In segwitu huwa fetaħ din il-kawża biex jitħallas *redundancy* payment.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tibda biex tosserva huma tnejn il-prinċipji bażilari in materja tal-impiegi: illi **l-impieg ta' impjegat jista' jiġi terminat biss mill-prinċipal jew xi ħadd ieħor li jaġixxi fuq struzzjonijiet espressi tiegħu**. F'dan il-każ huwa stabbilit li l-prinċipal tal-attur kienet is-soċjeta' konvenuta, li l-uniku direttur tagħha kienet Dr. Simona Camilleri. Il-korollarju ta' dan huwa li **l-impieg ma jistax jitiqes mitmum qabel il-fatt tat-temm ikun ġie komunikat lill-impjegat** (f'dan il-każ) **mill-prinċipal tiegħu jew minn xi ħadd ieħor fuq struzzjonijiet espressi u bl-awtorizzazzjoni tal-prinċipal**: din il-komunikazzjoni ġeneralment issir bil-miktub permezz ta' avviż tat-temm tal-impieg izda xejn ma josta li dan l-avviż jista' jingħata anke bil-fomm. Jinsab ritenut illi l-oneru tal-prova li l-impieg ġie mitmum jispetta lill-impjegat, għalkemm ġaladarba din il-prova ssir, jinkombi mbagħad lill-prinċipal juri li t-terminazzjoni ma kienetx dovuta għal *redundancy* iżda għal raġuni tajba u suffiċjenti u dan għaliex teżisti presunzjoni ġenerali favur it-terminazzjoni ta' impieg minħabba *redundancy*[9].

Illi fil-fehma tal-Qorti huwa immaterjali għall-fini tad-determinazzjoni tal-vertenza li għandha quddiemha, min fil-prattika kienet il-persuna li lilha l-attur kien jirrapporta fit-twettiq tad-dmirijiet tiegħu bħala Chief Financial Officer (CFO) tas-soċjeta' konvenuta: dak li huwa relevanti huwa d-determinazzjoni ta' min għandu jitqies li

---

[9] *Employment Law,* 2022 (Philips and Scott), page 141. Ara wkoll *Pitt's Employment Law,* Sweet & Maxwell 11th Ed. (2020), page 345 *et seq*.

huwa l-persuna ossia l-prinċipal li jimpjega lill-attur u jħallsu l-paga u li konsegwentement huwa awtorizzat jittermina dan l-impieg[10] jekk ikun il-każ u jikkomunika dan it-temm lill-impjegat. Kif ingħad diġa', fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, jirriżulta illi l-kuntratt tal-impieg tal-attur ġie assenjat bil-kunsens espress tal-attur, lis-soċjeta' konvenuta Goldfox Enterprises Limited li wkoll bdiet tħallas il-paga tiegħu kull xahar, kif del resto jirriżulta mill-*payslips*[11] kif ukoll mill-formola FS3[12] esebiti fl-atti.

Stabbilit dan, David Julian Mautner, li bħala direttur tas-soċjeta' Cubitspay Limited kien assenja l-impieg tal-attur - bl-aċċettazzjoni tal-istess attur - lis-soċjeta' konvenuta, ma setax jittermina huwa stess il-kuntratt tal-impieg tal-attur ġaladarba l-kumpannija Cubitspay Limited ma baqgħetx timpjega lill-attur hija stess u fin-nuqqas ta' xi prova li turi li huwa kellu s-setgħa espressa u speċifika b'delega jew riżoluzzjoni tal-Bord tad-Diretturi tas-soċjeta' konvenuta, li jagħmel dan. Għalkemm il-Qorti fehmet illi Mautner huwa l-*ultimate beneficial owner* tal-kumpannija li żżomm l-ishma tas-soċjeta' konvenuta[13], m'huwiex ċar mill-provi jekk huwa kellux xi rwol uffiċjali fis-soċjeta' konvenuta, prova li fiċ-ċirkostanzi kienet tispetta lill-attur.

Il-Qorti tqis ukoll illi irrispettivament mill-fatt illi jista' jkun li l-impjegati tas-soċjeta' konvenuta kienu fil-prattika jirrapportaw lil Mautner, dan ma jibdel xejn mill-fatt illi l-prinċipal tiegħu hija s-soċjeta' konvenuta li għat-tmexxija tagħha huwa fl-aħħar mill-aħħar responsabbli d-direttur tal-istess soċjeta, Dr. Simona Camilleri.

Kif ingħad, hija t-teżi tal-attur li l-impieg tiegħu ġie terminat bi ftehim ma' Julian Mautner, meta ismu ġie inkluż fil-lista ta' impjegati li kellhom jiġu sensjati u meta bl-approvazzjoni tad-direttur tas-soċjeta' konvenuta, ġiet sottomessa l-formola tat-tmiem tal-impieg tiegħu lil JobsPlus. Min-naħa l-oħra, id-direttur tas-soċjeta' konvenuta, Dr. Simona Camilleri, kienet ċara u inekwivoka fix-xhieda tagħha li talanqas sas-6 ta'

[10] Skont l-Artikolu 2 tal-Kap. 452, "*prinċipal*" tinkludi soċjetà, kumpannija, assoċjazzjoni jew korpieħor ta' persuni, sew jekk ikollhom personalità ġuridika sew jekk le.
[11] Ara pay slips, Dok. SC1 sa SC4.
[12] Dok. SC5.
[13] Ara xhieda ta' Simona Camilleri in kontro-eżami.

Diċembru 2018, hija ma tat l-ebda ordni lil ħadd biex għan-nom tas-soċjeta' konvenuta jittermina l-impieg tal-attur u dan għal ebda raġuni u fuq kollox, ma approvatx is-sottomissjoni ta' ebda formola ta' avviż ta' tmiem tal-impieg tiegħu u ma ffirmat u ma tat l-ebda avviż ta' terminazzjoni tal-impieg tiegħu. Affermat ulterjorment illi hija qatt ma approvat li l-impieg tal-attur jiġi terminat anke jekk kemm il-darba huwa jaċċetta li jwettaq il-lista ta' dmirijiet elenkati fid-dokument immarkat ID3[14] iffirmat minn Julian Mautner.

L-attur isostni li Maruska Zammit, fix-xhieda tagħha, ikkonfermat illi d-direttur tas-soċjeta' konvenuta, Dr. Simona Camilleri, kienet iddelegat lil Mautner id-diskrezzjoni biex jiddeċiedi waħdu dwar il-kundizzjonijiet tat-temm tal-impieg tal-attur. Iżda billi dan ġie miċħud u kontradett konsistentement mill-istess direttur, il-Qorti tqis li l-attur kellu jressaq lill-istess Mautner biex jafferma t-teżi tiegħu li dan tal-aħħar kellu s-setgħa jtemm l-impieg tiegħu mas-soċjeta' konvenuta u jinnegozja l-kundizzjonijiet relattivi, ħaġa li baqa' m'għamilx. Għalhekk, rinfaċċjata biċ-ċaħda assoluta tad-direttur li hija terminat l-impieg tal-attur jew approvat li dan l-impieg jiġi terminat minħabba *redundancy*, ċaħda li del resto jirriżulta mill-messaġġi skambjati ma' Maruska Zammit[15], il-Qorti ma tqisx li l-attur ressaq prova sodisfaċjenti tal-allegazzjoni tiegħu fir-rigward.

Ikkunsidrat;

Kif ingħad, għas-suċċess tat-talba tiegħu fir-Rikors promotur, l-attur jeħtieġlu jipprova li l-impieg tiegħu ġie terminat mis-soċjeta' konvenuta qabel iż-żmien speċifikat fil-kuntratt tas-servizz. Din il-prova l-attur isostni li tinsab ukoll fid-dikjarazzjoni tat-terminazzjoni tal-impieg tiegħu li ġiet sottomessa lill-awtorita' kompetenti, Jobsplus, mill-HR Manager Maruska Zammit allegatament bl-approvazzjoni tal-prinċipal tiegħu.

[14] Fol. 41.
[15] Ara Dok. MB1, fol. 92 u 93.

Is-soċjeta' konvenuta tikkontesta li l-impieg tal-attur ġie terminat da parti tagħha qabel iż-żmien stipolat minħabba *redundancy* u tikkontendi illi d-dikjarazzjoni tat-tmiem tal-impieg tal-attur li ġiet sottomessa lil Jobsplus, saret unilateralment mingħajr l-approvazzjoni tad-direttur u kontra l-istruzzjonijiet tagħha. Dr. Simona Camilleri spjegat li l-attur kien fuq il-lista ta' persuni li l-impieg tagħhom mas-soċjeta' konvenuta ma kienx ser jiġi terminat għaliex is-servizzi tagħhom kienu essenzjali u fil-każ tal-attur, il-ħidma kontinwata tiegħu kienet bżonnjuża sabiex jassisti lill-amministraturi[16] li kienu appuntati f'Londra biex jamministraw il-kumpannija Dooga Limited[17] u jagħlqu l-kotba tagħha peress li huwa kien tabilħaqq il-persuna li kienet taħdem speċifikatament fuq l-affarijiet finanzjarji tal-istess Dooga Limited. Il-Qorti tosserva illi dan ma ġiex kontestat serjament mill-attur, li qatt ma ċaħad li huwa kien effettivament assenjat mis-soċjeta' konvenuta biex jaħdem fuq il-finanzi tal-kumpannija Dooga Limited, kif del resto huwa prospettat fil-kuntratt ta' servizz tiegħu[18].

Il-Qorti tibda biex tosserva illi l-liġi Maltija ma tipprovdi l-ebda definizzjoni ta' *redundancy* u dan diversament mil-liġi Ingliza li fl-Employment Rights Act (ERA) tal-1996, ipprovdiet definizzjoni speċifika. Fin-nuqqas ta' ebda regola jew gwida statutorja dwar sitwazzjonijiet ta' *redundancy* fil-liġi domestika, il-Qrati tagħna konsistentement irreferew għall-prinċipji żviluppati u stabbiliti mill-ġurisprudenza tal-Qrati u awturi Ingliżi in materja.

Il-Qorti tal-Appell (Inf.) fis-sentenza fl-ismijiet **Alexandra Theuma v. Alfred Mangion et**[19] hekk għamlet u riteniet:-

"*Fuq din il-materja ta' redundancy jidher li l-kazistika tal-Qrati Inglizi stabbilit dawn il-linji gwida, u cjoe:-*
*(a) was the employee dismissed?*

[16] Opus M.
[17] Fix-xhieda tagħha, Dr Simona Camilleri qalet li din il-kumpannija kienet topera taħt l-isem '*Cubitspay*' u l-attur kien jieħu ħsieb l-affarijiet finanzajri tagħha.
[18] Klawsola 5 tal-kuntratt tas-servizz.
[19] Deċiża 28.5.2008.

*(b) if so, had the requirements of the business for employees to carry out work of a particular kind ceased or diminished (or were they expected to do so)?*
*(c) if so, was the dismissal caused wholly or mainly by that state of affairs?*

*Tissokta tirritjeni s-sentenza "***Safeway Stores plc -vs- Burrell***" (1997), li minnha l-precitati kweziti ttiehdu, illi taht punt (b) l-elementi krucjali hu dak jekk verament kienx hemm tnaqqis fil-"business requirements" di fronte ghall-impjegat. Esplicitament, tesprimi, illi "in deciding that, tribunals should not introduce a 'contract' test whereby they just considered the specific tasks the applicant was employed for". Illi wkoll f' din l-istess linja ta' hsieb is-sentenza "***Shawkat -vs- Nottingham City Hospital NHS Trust***", (2001) ...*"

Fil-kawża **Murray and Another v Foyle Meats Ltd** (1999), IRLR 562, ġie ritenut mill-House of Lords (Lord Irvine) illi d-definizzjoni ta' *redundancy* "*is simplicity in itself* (and) *asks two questions of fact: The first is ... whether the requirements of the business for employees to carry out work of a particular kind have diminished. The second ... is whether the dismissal is attributable, wholly or mainly to that state of affairs. This is a question of causation...*"

Diversi awturi jirritjenu illi: "*... a dismissal will now be by reason of redundancy if it is attributable to the business's diminished need for employees to do work of a particular kind"* fejn *"work of a particular kind*" għandu jinftiehem bħala referenza "*to the generic type of job, not the specific terms and conditions*".[20]

Għandu jingħad ukoll li in materja ta' *redundancy*, huwa l-prinċipal li jiddefinixxi x'inhuma l-ħtiġiet tan-negozju u l-ammont jew rekwiżiti tax-xogħol għall-fini li jiġi stabbilit jekk dawn tnaqqsux, inbidlux jew jekk għadhomx jeżistu. Fir-rigward ingħad[21] "*... it is recognised that choice of criteria for selection is a matter for management and ... in general management has a wide discretion as to what sort of*

[20] *Employment Law* 2022, Philips & Scott, page 140, b'referenza għad-deċiżjoni fil-kawża **Martland and Others v. Cooperative Insurance Society and Others** – UKEAT/0220/07 & 0221/07.
[21] Pitt's Employment Law, *ibid.* page 346 *et seq*.

*selection procedure should be used. ... the definition of redundancy concentrates on the needs of the business and the functions performed, not the package of terms and conditions which constitute the employee's job.*"

Applikat dan l-insenjament dwar *redundancy* għall-fattispeċje tal-każ odjern, il-Qorti – lil hinn mill-fatt illi ma jirriżultax illi f'dan il-każ l-ewwel rekwiżit huwa sodisfatt għaliex kif diġa' stabbilit u kif ser jingħad ukoll iktar 'il quddiem, is-soċjeta' konvenuta ma tterminatx l-impieg tal-attur - żgur ma tistax taċċetta t-teżi tal-attur li s-soċjeta' konvenuta tterminatlu l-impieg tiegħu minħabba *redundancy* meta bħala l-prinċipal, hija l-prerogattiva tas-soċjeta' konvenuta tiddeċiedi jekk is-servizz tal-attur kienx għadu meħtieġ jew le fiċ-ċirkostanzi. **U f'dan il-każ is-soċjeta' konvenuta ssostni bl-iktar mod emfatiku li hija la riedet u lanqas kellha l-ħsieb dak iż-żmien li tittermina l-impieg tal-attur minħabba *redundancy* jew minħabba raġunijiet oħrajn, għaliex il-kumpannija kellha bżonn inġenti tas-servizzi tiegħu minħabba l-amministrazzjoni tal-kumpannija Dooga Limited**[22].

Il-Qorti tqis li għandha tagħti piż lid-dikjarazzjoni tal-prinċipal, id-direttur tas-soċjeta' konvenuta, illi hija qatt ma kienet sejra tittermina minħabba *redundancy* l-impieg taċ-Chief Financial Officer tal-kumpannija meta s-servizzi tiegħu kienu indispensabbli fiċ-ċirkostanzi fejn il-kumpannija li lilha kien inkarigat jippresta s-servizzi tiegħu, Dooga Limited, li topera taħt l-isem 'Cubitspay', kienet tqiegħdet taħt amminstrazzjoni u s-servizzi kontinwati tiegħu kienu meħtieġa biex jirrapporta lill-istess amministraturi dwar it-transazzjonijiet li kien wettaq u dwar il-ħidma tiegħu b'mod ġenerali f'din il-kumpannija. Wara kollox, il-provi juru li mhux l-impjegati kollha tal-kumpannija konvenuta kienu ġew terminati minħabba *redundancy* u fiċ-ċirkostanzi dan jagħmel sens għaliex ma jirriżultax illi s-soċjeta konvenuta kienet għalqet il-bibien tagħha kompletament dak iż-żmien.

[22] Fil-klawsola intestata "Job Title and Description" fil-kuntratt tas-servizz tal-attur, huwa stipolat: "*5. The Employer agrees to employ the Employee as a 'Chief Financial Officer Cubits Pay'. The Services provided shall extend to the Employer's Group of Companies trading under the name 'Cubit and/or 'CubitsPay'.*"

Huwa sinjifikanti wkoll il-fatt illi l-attur innifsu kkonferma fix-xhieda tiegħu illi fiċ-ċirkostanzi tal-kumpannija kif żvolġew, kien għad hemm lok għall-kontinwazzjoni tas-servizzi tiegħu fil-kumpannja, u dan meta fisser illi x-xogħol li s-soċjeta' konvenuta insistiet li kellu jwettaq in konnessjoni mal-amministrazzjoni tal-kumpannija Dooga Limited, setgħu jagħmluh l-*accountants* tal-kumpannija. Il-Qorti tqis li din id-dikjarazzjoni hija ftit jew wisq fatali għat-teżi tal-attur b'rabta mat-terminazzjoni tal-impieg tiegħu minħabba *redundancy* u dan għaliex il-fatt li l-mansjonijiet tiegħu bħala CFO setgħu jitwettqu minn impjegati oħrajn f'karigi inqas importanti, jeskludi effettivament sitwazzjoni ta' *redundancy*. Fir-rigward, jingħad: "*If for example, the employer dismisses employees and replaces them with less well-paid employees, that will not amount to a redundancy situation*"[23].

Applikat dan għall-każ in diżamina, il-Qorti tifhem illi r-raġuni għat-temm tal-impieg ta' wħud mill-impjegati oħra tas-soċjeta' konvenuta, ċioe' t-tnaqqis sostanzjali fin-negozju tal-kumpannija, ma kienetx tgħodd għall-attur fejn il-ħtiġiet tan-negozju tal-kumpannija f'dak iż-żmien partikolari kienu jirrikjedu li huwa jkompli jagħti s-servizzi u jwettaq id-dmirijiet tiegħu in konnessjoni mal-affarijiet finanzjarji ta' Dooga Limited, fatt li ma ġiex kontradett mill-istess attur.

Il-Qorti tifhem illi t-temm ta' impieg minħabba *redundancy* hija materja sensittiva li għandha tiġi trattata b'ċertu miżura ta' kawtela u għaqal mill-prinċipal billi jikkonsulta mal-ħaddiema, jidentifika soluzzjonijiet għall-benefiċċju tal-ħaddiema, fosthom l-għoti tal-opportunita' biex jagħżlu iridux jingħataw is-sensja, u jesplora l-possibbilita' ta' rilokazzjoni (*redeployment*), qabel tiġi applikata r-regola LIFO[24]. Fir-rigward, huwa sinjifikanti wkoll illi l-attur ma kienx preżenti waqt is-sensiela ta' laqgħat li kienu nżammu bejn it-tim tal-*management* u d-direttur tas-soċjeta' konvenuta fejn kienet qed tiġi diskussa l-kwistjoni ta' sensja ta' diversi impjegati u ismu ma kienx tqiegħed fuq il-lista ta' dawn l-impjegati ħlief fl-aħħar, meta saret il-

[23] Employment Law 2022, *ibid.*

[24] Skont l-Artikolu 36(4) tal-Kap. 452. F'dan il-każ il-Qorti ma għandhiex quddiemha biżżejjed tagħrif dwar il-kumpannija biex tiddetermina jekk kellhomx isibu riskontru d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 37 tal-Kap. 452 u r-Regolamenti dwar Sensji Kollettivi (Ħarsien tal-Impiegi): L.S. 452.80. Ma jirriżultax lanqas li l-impjegati kellhom rappreżentant formali għall-fini ta' dawn id-dispożizzjonijiet legali.

laqgħa ma' Julian Mautner fil-presenza ta' Maruska Zammit[25]. Dan il-fatt fil-fehma tal-Qorti tikkorrobora t-teżi tas-soċjeta' konvenuta illi ma kienetx bi ħsiebha tittermina l-impieg tal-attur qabel iż-żmien miftiehem fil-kuntratt tal-impieg liema żmien, f'kull każ, kien jiskadi biss xaharejn wara fi Frar 2019. Għall-kuntrarju, kif ser jiġi trattat iktar 'il quddiem, kollox jindika illi kien l-attur li ried li l-impieg tiegħu jiġi terminat u dan in vista tal-prospett pjuttost imminenti li s-soċjeta' konvenuta ma tibqax topera. Iżda din is-sitwazzjoni ma tiġġustifikax it-terminazzjoni qabel iż-żmien tal-impieg tal-attur f'ċirkostanzi fejn is-servizzi tiegħu kienu għadhom meħtieġa.

Għall-Qorti dan ifisser li l-attur ma rnexxilux jipprova li fil-każ tiegħu u ċioe' fil-klassi partikolari tal-impieg tiegħu, kienet teżisti sitwazzjoni ta' *redundancy* dak iż-żmien u konsegwentement, fin-nuqqas ta' prova illi huwa kien ġie mġiegħel jirriżenja mill-impieg tiegħu u stabbilit li l-ftehim li ntlaħaq ma' Mautner ma ġiex approvat mis-soċjeta' konvenuta, it-talba tiegħu kif imsejsa fuq terminazzjoni tal-impieg tiegħu qabel iż-żmien da parti tas-soċjeta' konvenuta, ma tistax tirnexxi.

Ikkunsidrat;

Magħdud dan kollu l-fatt illi l-attur ma ġabx prova li s-soċjeta' konvenuta tatu avviż tat-terminazzjoni tal-impieg tiegħu skont kif miftiehem fil-kuntratt ta' servizz u b'hekk ikkomunikat it-temm tal-impieg lilu. Din il-ħtieġa, apparti li hija waħda mir-rekwiżiti bażilari ta' terminazzjoni tal-impieg, hija wkoll waħda espressament rikjesta mill-kuntratt tas-servizz tal-attur.

In materja tat-temm tal-impieg, il-kuntratt ta' servizz tal-attur, taħt is-sezzjoni intestata "*Termination of Employment*", jistipola hekk:-

[25] Kemm hu hekk, il-lista esebita minn Dr. Simona Camilleri (Dok. SC6) turi illi Maruska Zammit kienet fil-kolonna "*Out*" filwaqt li isem l-attur kien fil-kolonna "*In*".

"*50. If the Employee or the Employer wishes to terminate this employment with the Employer, the terminating party will supply notice according to periods set out in the applicable Maltese Laws.*

...

*52. The Termination Date specified by either the Employee or the Employer may expire on any day of any month and upon the Termination Date, the Employer will forthwith pay to the Employee any outstanding portion of the wage, accrued vacation and banked time, if any calculated to the Termination Date.*

*53. Once notice has been given by either Party for any reason, the Employee and the Employer agree to execute their duties and obligations under this Agreement diligently and in good faith through to the end of the notice period. The Employer may not make any changes to wages, wage rate, or any other term or condition of this Agreement between the time termination notice is given through to the end of the notice period.*"

Minn dan huwa ovvju li l-partijiet ftiehmu espressament li biex il-kuntratt tas-servizz jiġi mitmum, kellu jingħata avviż skont il-liġi, ċioe' kif stipolat fl-Artikolu 36(5) tal-Kap. 452. Huwa minnu li l-impieg tal-attur kien għal żmien definit u għalhekk l-obbligu legali li jingħata avviż tat-temm tal-impieg ma jsibx applikazzjoni *ex lege*, iżda fil-każ in diżamina huwa evidenti li l-partijiet qablu li jintrabtu kontrattwalment bl-obbligu li f'każ ta' temm tal-impieg qabel iż-żmien spċeifikat fil-kuntratt, jagħtu avviż tat-temm tal-impieg bl-istess mod li jsir f'każ ta' impiegi għal żmien bla limitu **mingħajr ma eskludew iżda, l-applikazzjoni tal-obbligi legali imposti rispettivament fuq il-prinċipal u l-impjegat bis-saħħa tas-subartikolu (11) u (12) tal-Kap. 542**.

Il-provi juru li dan s-soċjeta' konvenuta baqgħet qatt ma tat dan l-avviż ta' terminazzjoni lill-attur, għalkemm jirriżulta li dan l-avviż ingħata lill-impjegati l-oħra tas-soċjeta' konvenuta li l-impieg tagħhom ġie terminat minħabba *redundancy*.

Ikkunsidrat;

Imbagħad, biex tittratta s-sottomissjoni tal-abbli avukat tal-attur li l-impieg tiegħu ġie mitmum bis-sottomissjoni tal-formola tat-tmiem tal-impieg lil JobsPlus, il-Qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet.

Mill-iskambju ta' korrispondenza bejn Maruska Zammit u Dr. Simona Camilleri bejn il-5 ta' Diċembru 2018 u s-6 ta' Diċembru 2018, jirriżulta li Maruska Zammit talbet lill-prinċipal tagħha tapprova l-lista tal-impjegati li kienu ser jiġu terminati minħabba *redundancy*[26] speċifikatament biex hija tista' tipprepara l-avviżi ta' terminazzjoni li kellhom jingħataw lill-impjegati tas-soċjeta' konvenuta ("*Please approve so that I can proceed to prepare the termination letters*") u saqsietha wkoll jekk setax kollox jiġi proċessat dik il-ġimgħa stess jew aħjar l-għada ("*So we can process tomorrow*")[27]. Fil-fatt, Dr. Simona Camilleri wieġbet li jekk il-fondi kienu disponibbli fil-kont, hija tkun f'pożizzjoni li tipproċessa l-ittri u l-pagamenti l-għada[28].

Il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax illi l-formoli tat-tmiem tal-impieg tal-JobsPlus ma jissemmew imkien f'dan l-iskambju ta' korrispondenza u ma jirriżultax illi Maruska Zammit talbet awtorizzazzjoni jew approvazzjoni speċifika mingħand Dr. Simona Camilleri biex tissottometti d-dikjarazzjonijiet tat-tmiem tal-impieg, fosthom dik tal-attur. Minkejja dan iżda, jirriżulta li l-formola tat-tmiem tal-impieg tal-attur ma' Jobsplus ġiet sottomessa dakinhar stess bir-raġuni mogħtija għat-tmiem tal-impieg tkun indikata bħala *redundancy*.

**Huwa minnu li Maruska Zammit indikat fl-iskambju ta' korrispondenza ma' Dr. Simona Camilleri illi l-attur kien tqiegħed fuq il-lista "*out*" u d-direttur wieġbet li taf dwar l-attur u ma kellhiex problema, iżda fil-fehma tal-Qorti dan ma jfissirx li b'daqshekk l-impieg tal-attur ġie effettivament terminat, wisq inqas minħabba *redundancy*, u l-fatt li d-direttur kienet konxja ta' dan il-fatt u qalet li**

[26] Din il-lista ma ġietx esebita fl-atti u l-Qorti fehmet li hija lista differenti minn dik li Simona Camilleri kienet kompilat f'laqgħa privata li kellha ma' Mautner u l-attur – Dok. SC6.
[27] Ara Dok. MZ1, fol. 74.
[28] 6 ta' Diċembru 2018.

**ma kellhiex diffikolta', ma tistax titqies bħala dikjarazzjoni inekwivoka tat-terminazzjoni tal-impieg tal-attur da parti tas-soċjeta' konvenuta. Għall-kuntrarju, il-Qorti fehmet mill-kumpless tax-xhieda illi b'dan il-kliem id-direttur kienet qed tirrikonoxxi sempliċement illi l-attur ried jittermina l-impieg tiegħu. Il-komunikazzjoni permezz ta' *chat* mal-HR manager fejn il-prinċipal qalet li tapprova l-lista li bagħtitilha ta' impjegati fuq l-"*out list*", ma jammontax għal avviż ta' temm tal-impieg tal-attur kif inhuwa meħtieġ mill-kuntratt tal-impieg tal-attur u lanqas ifisser li dan it-temm ġie komunikat lill-attur mill-prinċipal tiegħu.**

Filwaqt li huwa indiskuss illi l-impjegat, f'dan il-każ l-attur, jista' f'kull żmien jiddeċiedi li jitlaq mill-impieg, speċjalment fiċ-ċirkostanzi fejn il-prospett tat-tiġdid tal-kuntratt tal-impieg tiegħu kien wieħed remot jekk mhux ineżistenti, il-Qorti ma tistax taċċetta t-teżi li l-impjegat jagħżel huwa stess illi b'hekk l-impieg tiegħu ġie terminat minħabba *redundancy*: din hija kwistjoni ta' fatt u ta' liġi li trid tiġi determinata abbażi taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Anke jekk fil-każ odjern, huwa minnu li d-direttur tas-soċjeta' konvenuta kienet esprimiet ix-xewqa li l-kumpannija tkun "*as lean as possible"* f'termini ta' impjegati, dan ma jfissirx u f'kull każ ma jirriżultax, illi l-manager tal-HR kellha diskrezzjoni biex tqiegħed lil min trid fuq il-lista ta' impjegati terminati minħabba *redundancy*. Fil-fatt, Maruska Zammit xehdet illi filwaqt li effettivament, kien fuq struzzjonijiet ta' Julian Mautner li hi żiedet isem l-attur fil-lista, l-istess Mautner talabha wkoll tibgħat il-lista aġġornata lid-direttur biex tapprovaha.

Iżda hija mankanti l-prova illi d-direttur tal-kumpannija tat struzzjonijiet espressi u speċifiċi biex tintbagħat il-formola tat-tmiem tal-impieg tal-attur lill-JobsPlus u dan hu konfortat mill-fatt illi, kif diġa' stabbilit, is-soċjeta' konvenuta qatt ma tatu avviż tat-terminazzjoni tal-impieg. Kemm hu hekk, Dr. Simona Camilleri ċaħdet speċifikatament li għamlet dan u Maruska Zammit ikkonfermat fix-xhieda tagħha li għalkemm bħala HR Manager kienet awtorizzata li tiffirma dawn l-ittri, Dr. Simona

Camilleri kienet insistiet li tiffirma hija stess il-formoli tat-terminazzjoni tal-impieg tal-impjegati u d-dokumenti relattivi u meta waslet għad-dokumenti konċernanti l-attur, hi rrifjutat li tapprova t-terminazzjoni tal-impieg tiegħu.

Dr. Simona Camilleri xehdet hekk in kontro-eżami:-

"*However the JobsPlus forms has apparently been submitted prior to me arriving to the office and signing the letters and agreeing exactly who was going to be given a redunancy payment in accordance to my instructions from the administrators and who was not. So the Jobsplus forms were submitted without my knowledge.*"[29]

Il-Qorti qajla tifhem kif Maruska Zammit ħasset li kellha tibgħat din il-formola lil Jobsplus b'tant għaġġla u effettivament, qabel ingħata l-avviż formali lill-attur dwar it-tmiem tal-impieg tiegħu skont kif rikjest mill-kuntratt tas-servizz tiegħu. L-attur ma ressaq l-ebda prova li l-formoli ossia dikjarazzjonijiet tat-tmiem tal-impieg tal-impjegati l-oħra tas-soċjeta' konvenuta li ġew terminati minħabba *redundancy*, **ukoll** ġew sottomessi fil-5 ta' Diċembru 2018 **qabel** ġew iffirmati u ngħataw l-avviżi tat-temm tal-impieg ta' dawn l-istess impjegati. Huwa minnu li fis-6 ta' Diċembru 2018[30] Maruska Zammit infurmat lill-prinċipal tagħha li hija kienet bagħtet, minn fuq is-sit elettroniku ta' JobsPlus, id-dikjarazzjoni tat-tmiem tal-impieg tal-impjegati kollha li kienu fuq il-lista li kienet bagħtitilha, iżda dan ma jfissirx li hija kienet diġa' bagħtet dawn il-formoli tal-impjegati l-oħra wkoll fil-5 ta' Diċembru 2018, ċioe' qabel ġew iffirmati mill-prinċipal, l-ittri ta' temm tal-impieg u dawn ingħataw lill-impjegati.

[29] Fol. 179. Minn eżami tal-iskambju ta' korrispondenza bejn Dr. Simona Camilleri u bejn Maruska Zammit, jirriżulta li hija saret taf bis-sottomissjoni ta' din il-formola fis-6 ta' Diċembru 2018 meta l-istess Maruska Zammit issuġġeriet li tiġi ffirmata dikjarazzjoni biex tiġi revokata d-dikjarazzjoni li saret lil Jobsplus (fol. 83). Jirriżulta wkoll li s-soċjeta' konvenuta qatt ma ġiet notifikata minn JobsPlus li ġiet sottomessa l-formola *online* tat-tmiem tal-impieg tal-attur, għaliex din ir-riċevuta jirriżulta li ntbagħtet lill-attur direttament fuq l-indirizz tal-posta elettronika tiegħu u mhux lis-soċjeta' konvenuta. Dan ġie konfermat ukoll minn Dr. Simona Camilleri fix-xhieda tagħha. Kemm hu hekk kopja ta' din il-formola ġiet esebita mill-attur innifsu – Dok. ID2, fol. 18..

[30] Fil-ħin ta' 16:56h, ara fol. 84.

Il-Qorti tosserva ulterjorment illi fl-ittri ossia avviżi tat-terminazzjoni tal-impieg li ngħataw lil kull impjegat li kellu l-impieg tiegħi mitmum minħabba *redundancy*, huwa stipolat kjarament li "*your employment with the Company will come to an end on the close of business of the 5th December 2018*". Billi mill-provi jirriżulta li Dr. Simona Camilleri iffirmat dawn l-ittri fil-5 ta' Diċembru 2018 għall-ħabta tat-3.30 p.m. jew l-4.00 p.m., isegwi li s-sottomissjoni elettronika tal-formola tat-tmiem tal-impieg tal-attur qabel "*the close of business*" fil-5 ta' Diċembru 2018 kienet bla dubju intempestiva.

Fir-rigward hija wkoll relevanti ferm is-segwenti silta mix-xhieda ta' Maruska Zammit, fejn filwaqt li għall-bidu qalet li Dr. Simona Camilleri - "*... approvat li nista' mmexxi u jien mexxejt il-process normali. Tinsix li dik hija l-aħħar ġurnata tax-xogħol ta' kulħadd fejn jiena ridt nesegwixxi dak kollu.* », imbagħad żiedet tgħid : « *Ma riditx tiffirma d-dokument, għax aħna apparti tal-Jobs Plus ippreparajna karti ... dokumenti fejn ... b'mod formali inti ... qed tittermina l-impieg fuq bażi ta' redundancy. Għamilna dik il-karta wkoll iffirmata, ħassejt li għandha tiffirmaha d-direttur at that stage* ».

In konklużjoni, il-Qorti ma tistax ma tissenjalax illi filwaqt li l-obbligu li ssir notifika formali lill-awtorita' kompetenti a tenur tar-regolament 8 tal-L.S. 594.17[31] huwa mixħut fuq il-prinċipal, id-dikjarazzjoni msemmija f'din id-dispożizzjoni legali hija meħtieġa biex jinżammu aġġornati r-*records* uffiċjali dwar l-impiegi nazzjonali, liema *records* fihom fost oħrajn l-istorja u l-istatus tal-impieg ta' kull persuna u ma għandu x'jaqsam xejn mal-avviż tat-terminazzjoni tal-impieg li jingħata lill-impjegat mill-prinċipal tiegħu. Il-Qorti għalhekk ma tistax taqbel li dikjarazzjoni bħal din – li wara kollox hija soġġetta għal reviżjoni mill-Awtorita' Nazzjonali tax-Xogħol skont id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 542 – tiswa bħala avviż ta' temm tal-impieg li skont il-kuntratt ta' servizz tal-attur, irid jingħata lilu f'każ li l-prinċipal jiddeċiedi jtemm is-servizz tiegħu qabel iż-żmien miftiehem, u ma taqbilx lanqas li din id-dikjarazzjoni

[31] Ir-regolament 8 tal-L.S. 594.17 jipprovdi li meta xi kuntratt ta' xogħol jintemm il-prinċipal għandu, fi żmien erbat ijiem mid-data tat-tmiem, jinnotifika lill-Korporazzjoni (illum 'Jobsplus') permezz tal-formola ta' tmiem ta' mpieg u bil-firma tiegħu, dwar id-data tat-tmiem ta' dak ix-xogħol.

hija determinanti u konklussiva in kwantu għall-vera raġuni għat-temm tal-impieg meta jirriżulta li r-raġuni indikata f'din id-dikjarazzjoni, tikkozza mar-riżultanzi tal-provi.

Il-fatt jibqa' illi Dr. Simona Camilleri qatt ma approvat espressament li l-formola tat-tmiem tal-impieg tal-attur tiġi sottomessa lil JobsPlus **qabel** hija tiffirma l-ittra bl-avviż tat-temm tal-impieg tiegħu, ħaġa li del resto hemm qbil li hija rifjutat li tagħmel, bħalma rifjutat ukoll tiffirma l-kundizzjonijiet proposti minn Mautner biex l-impieg tal-attur jiġi terminat bi ftehim bejn il-partijiet.

Fil-fatt, mhux kontestat illi Dr. Simona Camilleri baqgħet qatt ma approvat it-termini proposti minn David Julian Mautner għat-terminazzjoni tal-impieg tal-attur[32] u jirriżulta wkoll li anke l-attur innifsu rrifjuta li jiffirma l-lista ta' dmirijiet li ġiet imħejjija u ffirmata minn Mautner. Kif diġa' ngħad, id-deċiżjonijiet jew struzzjonijiet li setgħu ingħataw minn Mautner fil-konfront tal-attur ma jiswewx biex jagħtu fejda lit-teżi tal-attur li l-impieg tiegħu ġie terminat meta ma ġiex ippruvat li din il-persuna kienet qed taġixxi b'delega jew bl-awtorizzazzjoni espressa tal-prinċipal, u huwa immaterjali l-fatt li huwa jiġi s-sieħeb personali tad-direttur tas-soċjeta' konvenuta.

Ikkunsidrat;

Illi kollox magħdud, il-Qorti tħoss li l-pożizzjoni meħuda mill-attur f'din il-kawża fejn qed jinsisti l-impieg tiegħi ġie terminat minħabba *redundancy* hija pjuttost anomala meta wieħed jikkonsidra li diversament minnu, l-impjegati l-oħra tal-kumpannija kienu maħsuda u dispjaċuti meta ħadu l-aħbar li kienu sejrin jiġu terminati minħabba *redundancy*[33]. Hija leġittima l-assunzjoni li ebda impjegat ma jkun jixtieq jitkeċċa mill-impieg tiegħu minħabba *redundancy*[34]: kemm hu hekk li l-attur innifsu xehed illi huwa kien maħsud sew meta sar jaf bil-qagħda finanzjarja mwiegħra tal-kumpannija,

[32] Dok. ID3.
[33] Ara xhieda ta' Katia Azzopardi.
[34] *"... today employees are more likely to claim that they are not redundant and that, rather, their dismissal is unfair."*

u dan għaliex kien telaq minn impieg fiss u stabbli biex jingħaqad mas-soċjeta' konvenuta u ħadem ħafna biex jipprova jġibha lura fuq saqajha. Ftit hemm loġika fil-manuvra tal-attur li jinsisti li ġie terminat minħabba *redundancy* meta evidentement, seta' jibqa' fl-impieg sal-aħħar tal-kuntratt tiegħu b'paga ferm ogħla minn dik li kien intitolat għaliha meda beda fl-impieg tiegħu inqas minn sena qabel.

Huwa proprju għal din ir-raġuni li l-Qorti tqis li hija ftit spjegabbli mhux biss ir-resistenza evidenti tal-attur kontra l-prospett li jibqa' fl-impieg tiegħu għal xaharejn oħra biss, fejn seta' jibqa' jitħallas il-paga miżjuda tiegħu ta' €10,000 fix-xahar sakemm ifittex impieg ieħor, iżda wkoll il-pożizzjoni meħuda minnu f'din il-kawża fejn qiegħed jinsisti li l-impieg tiegħu ġie mitmum u jrid jitħallas biss nofs din il-paga. Għal din l-istess raġuni l-Qorti hija ferm propensa wkoll li taqbel mal-verżjoni tas-soċjeta' konvenuta illi dak li effettivament ried jagħmel l-attur kien li jirriżenja mill-impieg tiegħu mas-soċjeta' konvenuta iżda, biex ma jeħilx il-pagamenti skont il-liġi li jkunu dovuti f'każ ta' riżenja, ra kif għamel biex l-impieg tiegħu jiġi terminat minħabba *redundancy*. Mix-xhieda tagħha[35] kif ukoll mill-iskambju ta' korrispondenza li kellha ma' Maruska Zammit, jirriżulta effettivament li Dr. Simona Camilleri kienet fehmet li l-attur ried jirriżenja mill-impieg tiegħu, tant illi meta rċeviet mingħand Maruska Zammit il-lista ta' impjegati li l-impieg tagħhom kien ser jiġi mitmum (din il-lista qatt ma ġiet esebita fl-atti proċesswali), huwa pjuttost evidenti n-nuqqas ta' entużjażmu tagħha fir-rigward: rejazzjoni ferm differenti mir-rejazzjoni maħsuda tagħha meta in segwitu, saret taf li Maruska Zammit kienet ħejjiet ittra għall-attur b'avviż tat-temm tal-impieg tiegħu mill-kumpannija.

Jibqa' l-fatt illi d-direttur tas-soċjeta' konvenuta baqgħet qatt ma awtorizzat is-sottomissjoni tad-dikjarazzjoni tat-tmiem tal-impieg tal-attur lil JobsPlus, baqgħet qatt ma komunikat ebda avviż tat-temm tal-impieg lill-attur skont il-kuntratt tal-impieg u baqgħet qatt ma approvat li dan l-impieg jiġi mitmum dak iż-żmien, la minħabba *redundancy* u lanqas taħt il-kundizzjonijiet elenkati fid-dokument iffirmat minn David Julian Mautner. Kemm hu hekk, hija stenniet li l-attur jibqa' dieħel għax-xogħol l-

[35] Ara xhieda ta' Dr. Simona Camilleri tat-3 ta' Marzu 2020, senjatament fol. 118 sa 123.

għada, 6 ta' Diċembru 2018 kif ukoll il-ġurnata ta' wara, meta bagħtitlu messaġġ fejn reġgħet talbitu jiffinalizza xi xogħol pendenti u jipprepara xogħol ieħor li kien meħtieġ mill-amministraturi ta' Dooga Limited, u nnotat li ma daħalx l-uffiċċju.

Il-Qorti tosserva li mkien f'dan l-iskambju ta' messaġġi l-attur m'għamel referenza għall-fatt li l-impieg tiegħu ġie terminat minħabba *redundancy* bħala r-raġuni l-għala ma kienx għadu ffinalizza r-rapporti u dokumenti mitluba minnu jew għaliex ma kienx ser jibqa' dieħel għax-xogħol. Għall-kuntrarju, minn dan l-iskambju jirriżulta li l-attur innifsu talab kjarifika dwar l-istatus tal-impieg tiegħu[36] - sinjal li huwa kien jaf illi l-prinċipal tiegħu ma kienetx temmet hija stess l-impieg tiegħu - għal liema talba Dr. Simona Camilleri għarrfitu li taċċetta r-riżenja tiegħu. Minn dan kellu jkun ovvju għall-attur li l-prinċipal tiegħu ma kienetx temmet l-impieg tiegħu u kienet qiegħda tabilħaqq tistennih jibqa' dieħel għax-xogħol iżda minkejja dan, huwa ma baqax jaqdi d-dmirijiet tiegħu u ma reġgħex mar l-uffiċċju wara l-10 ta' Diċembru 2018[37]. Dan mhux kontestat mill-attur.

Ikkunsidrat;

Illi stabbilit li s-soċjeta' konvenuta ma kienetx, fil-5 ta' Diċembru 2018, itterminat l-impieg tal-attur għal ebda raġuni u speċifikatament, ma kienx hemm lok għal terminazzjoni minħabba *redundancy*, hija l-fehma tal-Qorti illi fiċ-ċirkostanzi, l-impieg tal-attur għandu jitqies li ġie terminat mill-attur innifsu qabel iż-żmien miftiehem fil-kuntratt tas-servizz minħabba s-sitwazzjoni li sabet ruħha fiha s-soċjeta' konvenuta[38] u mingħajr ma ta l-avviż meħtieġ mill-kuntratt tas-servizz tiegħu.

---

[36] Ara Dok. GF1.

[37] Ara ittra folio 29.

[38] F'Selwyn's Law of Employment (22nd Ed. 2022, Astra Emir, Oxford University Press, 18.9, p. 482.), insibu: *"if an employee is told that there may be possible redundancies in the future, he may be penalised if he acts precipitously."*

Fir-rigward, f'*Pitt's Employment Law* issir referenza għad-deċiżjoni fil-kawża **Morton Sundour Fabrics v. Shaw**[39] ġie ritenut illi fejn f'sitwazzjoni simili, l-impjegat li temm l-impieg tiegħu meta ġie mgħarraf li fi ftit xhur oħra l-kariga tiegħu fil-kumpannija ma kienetx ser tkun iktar meħtieġa, dan it-temm tal-impieg sar prematurament u l-impieg ma ġiex meqjus itterminat minħabba *redundancy*.

Magħdud dan il-fatt illi fejn il-provi juru li naqas milli jkompli jidħol għax-xogħol u jiffinalizza x-xogħol skont l-istruzzjonijiet moghtija mill-prinċipal tiegħu, l-attur għandu jitqies li mexa b'kondotta li hija bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-impieg stipolati fil-kuntratt tas-servizz, fosthom l-istipolazzjonijiet dwar *Time of Work* u *Duty to Devote Full Time* u konsegwentement il-prinċipal tiegħu, is-soċjeta' konvenuta, kienet intitolata tqis li huwa abbanduna l-impieg tiegħu.  Dan ifisser ukoll li hija kienet intitolata li ttemm b'mod formali l-impieg tiegħu mingħajr avviż abbazi tal-klawsola 49 tal-kuntratt.

F'*Employment Law* (2022), Philips & Scott isostnu:-

"*Indeed, if the employee does not give proper notice to terminate a fixed-term contract before its expiry date, it is the employee who will be in breach of the contract.*"[40]

Fir-rigward, is-soċjeta' konvenuta produċiet fl-atti ittra li ntbagħet lill-attur, datata 7 ta' Jannar 2018[41], li permezz tagħha huwa ġie mgħarraf formalment li s-sottomissjoni tal-formola tat-tmiem tal-impieg tiegħu lil JobsPlus saret mingħajr awtorizzazzjoni tal-kumpannija u li huwa qatt ma ġie sensjat, fost materji oħrajn.  Ġie mgħarraf ukoll li huwa ilu ma jidħol għax-xogħol sa mill-10 ta' Diċembru 2018 u li dan in-nuqqas ġie meqjus bħala abbandun unilaterali tas-servizz tiegħu.  Din l-ittra xehdet dwarha Dr. Simona Camilleri li kkonfermat li hija kienet bagħtitha lill-attur bix-xufier tal-kumpannija.  L-attur, li fl-istess ittra ġie mitlub iħallas lis-soċjeta' konvenuta nofs il-

[39] 1966 2 KIR 1, 2 ITR 84 DC.  *Pitt's Employment Law*, *ibid.*, page 361.  Ara wkoll **International Computers v. Kennedy** (1981) IRLR 28, EAT.
[40] Paġna 102.
[41] Huwa ovvju li s-sena 2018 huwa żball tipografiku u li din kellha tinqara 2019 – l-attur lanqas kien għadu ġie impjegat mas-soċjeta' konvenuta f'Jannar 2018.

paga li kien ikun intitolat jirċievi kieku baqa' fis-servizz għaż-żmien kollu li kien fadal skont il-kuntratt tas-servizz tiegħu, qatt ma ċaħad li huwa rċieva din l-ittra u effettivament, jidher li huwa rrejaġixxa billi istitwixxa din il-kawża għall-ħlas tal-ammont dovut fuq allegat terminazzjoni tal-kuntratt ta' servizz tiegħu, da parti tal-prinċipal, qabel iż-żmien miftiehem.

Stabbilit illi l-attur abbanduna s-servizz tiegħu u aġixxa bi ksur tal-kuntratt tal-impieg tiegħu, fatti li taw lok għall-applikazzjoni tat-termini tal-kuntratt fl-avviż li ngħatalu fis-7 ta' Jannar 2019, jiskaturixxi l-obbligu legali tal-attur taħt l-Artikolu 36(11) tal-Kap. 452 għall-ħlas lill-prinċipal ta' nofs il-paga li kienet tkun dovuta lilu taħt il-kuntratt għaż-żmien kollu li fadal kieku l-impieg tiegħu ma ġiex terminat. Dan ifisser li l-attur għandu jagħti lis-soċjeta' konvenuta nofs il-paga mid-data tat-temm formali tal-impieg tiegħu fis-7 ta' Jannar 2019.

Il-Qorti ma taqbilx mal-pożizzjoni tas-soċjeta' konvenuta[42] li dan l-ammont għandu jkun komputat mill-11 ta' Diċembru 2018, li hija l-għada tal-aħħar ġurnata meta l-attur daħal għax-xogħol – dan qed jingħad għaliex fl-avviz tat-temm tal-impieg tal-attur, permezz tal-ittra tas-7 ta' Jannar 2019, l-attur ma ġiex mgħarraf li d-data tat-temm tal-impieg tiegħu kienet l-10 ta' Diċembru 2018. Huwa minnu li fiċ-ċirkostanzi, fejn teżisti raġuni tajba għat-temm tal-impieg tal-attur, is-soċjeta' konvenuta ma kienetx marbuta skont il-kuntratt li tagħti avviż tat-tmiem tal-impieg, iżda jeħtieġ dejjem u f'kull każ illi t-tkeċċija jew temm tal-impieg jiġu komunikati effettivament lill-impjegat. Fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti jirriżulta li din il-komunikazzjoni saret fis-7 ta' Jannar 2019 u għaldaqstant il-kalkolu jrid isir abbażi tal-paga dovuta mit-8 ta' Jannar 2019 'il quddiem.

Is-soċjeta konvenuta tikkontesta bil-qawwa li l-attur kien awtorizzat jitħallas paga ta' €10,000 fix-xahar, paga li jirriżulta mill-*payslips* esebiti mis-soċjeta' konvenuta nnifisha fl-atti proċesswali. Dr. Simona Camilleri xehdet li ż-żieda fl-ammont tal-paga stipolata fil-kuntratt tas-servizz tal-attur (€85,000 fis-sena, ċioe' €7,083.33 fix-

[42] Ara prospett a folio 29 *tergo.*

xahar), għal somma ta' €10,000 fix-xahar ma kienetx awtorizżżata minnha u hija qatt ma ffirmat l-ebda *addendum* tal-kuntratt tas-servizz biex tiġi varjata l-kondizzjoni oriġinali tal-impieg tiegħu. L-attur ma ressaq l-ebda prova li huwa kien awtorizzat jirċievi salarju miżjud ta' €10,000 fix-xahar u ma pproduċa l-ebda prova jew xhieda biex juri li l-varjazzjoni tal-kundizzjoni stipolata fil-klawsola intestata "*Employee's Compensation*" fil-kuntratt tas-servizz tal-5 ta' Frar 2018, saret bl-awtorizzazzjoni tal-prinċipal tiegħu u effettivament, huwa ma semma xejn f'dan ir-rigward fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti, lanqas meta ġie rinfaccjat bl-allegazzjoni ta' Dr Simona Camilleri li bħala l-prinċipal tiegħu, hija qatt ma awtorizzat din iż-zieda fil-paga.

Il-Qorti tqis li jekk is-soċjeta' konvenuta f'din il-kawża ħadet il-pozizzjoni determinata li tiċħad li l-attur kellu dritt jirċievi salarju ta' €10,000, ma tistax imbagħad, meta tiġi biex titlob il-ħlas mingħand l-attur ta' nofs il-paga għaż-żmien li fadal tal-kuntratt tas-servizz, tistenna raġjonevolment li tirċievi ammont ikkalkolat fuq paga li hija stess tiċħad li hija dovuta. F'dawn iċ-ċirkostanzi hija l-fehma tal-Qorti li s-soċjeta' konvenuta għandha jedd biss għall-ħlas ta' nofs il-paga li ġiet stipolata fil-kuntratt tas-servizz u li hija tikkontendi li hija dovuta lilha.

Dan ifisser li l-ammont dovut lis-soċjeta' konvenuta huwa nofs il-paga fis-somma €7,083.33 fix-xahar, komputata mit-8 ta' Jannar 2019 sat-28 ta' Frar 2019[43], total ta' €12,338.71.

Għalkemm fil-prospett anness mal-ittra Dok. GF1 jidher li s-soċjeta' konvenuta qiegħda tippretendi wkoll ir-rifużjoni ta' ammont ta' flus li kien ġie allegatament ritenut mill-attur in linea ta' pre-payment fuq Revolut Card, ma ressqet l-ebda prova li dan l-ammont huwa dovut mill-attur u fi kwalsiasi każ, dan il-pagament ma ġiex mitlub minnha fit-talba rikonvenzjonali.

**Għal dawn il-motivi taqta' u tiddeċiedi:-**

---

[43] L-attur xehed li huwa ġie impjegat fl-1 ta' Marzu 2018. €5,255.38 għax-xahar ta' Jannar 2019 (8.1.19 sa 31.1.19) u €7083.33 għax-xahar ta' Frar 2019 = €12,338.71.

**In kwantu għat-talba prinċipali tal-attur, filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjeta' konvenuta, tiċħad it-talba attriċi u;**

**In kwantu għat-talba rikonvenzjonali tas-soċjeta' konvenuta, filwaqt li tirrespinġi l-eċċezzjonijiet kollha tal-attur rikonvenut, tilqa' t-talbiet tas-soċjeta' GOLDFOX ENTERPRISES LIMITED u tikkundanna lil IVAN DARMANIN iħallasha s-somma ta' ta' tnax-il elf tliet mija u tmienja u tletin Euro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€12,338.71) għar-raġunijiet imsemmija fl-istess talba rikonvenzjonali, bl-imgħax mid-data tan-notifika tal-istess attur rikonvenzjonat bit-talba rikonvenzjonali, ċioe' 14 ta' Frar 2019.**

**L-ispejjeż tat-talba prinċipali kif ukoll dawk marbutin mat-talba rikonvenzjonali, jitħallsu minn IVAN DARMANIN.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**